**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Olive Line International, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 178, 22.06.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014 – MHCS vs UASI – Ambra (DORATO)**

**(Kawża T-249/13)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva DORATO — Trade marks figurattivi Komunitarji u nazzjonali preċedenti li jirrappreżenta tikketti għall-għonq ta' flixkun — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Regola 50(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95)***

(2014/C 175/55)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* MHCS (Épernay, Franza) (rappreżentanti: P. Boutron, N. Moya Fernández u L. É. Balleydier, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Bullock, N. Bambara u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Ambra S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: M. Kaczan-Parchimowicz, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Frar 2013 (Każ R 1877/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn MHCS u Ambra S.A.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud*

2) *MHCS hija kkundatnnata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbli ta' Ambra S.A. għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).*

---

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' April 2014 – CNIEL vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-293/09)** ([1])

***"Għajnuna mill-Istat — Skema qafas ta' azzjonijiet immexxija mill-interprofessjonisti agrikoli rikonoxxuti fi Franza favur membri tas-sussidjarji agrikoli rrappreżentati — Finanzjament bil-kontribuzzjonijiet volontarji li saru obbligatorji — Deċiżjoni li tikklassifika l-iskema ta' għajnuna kompatibbli mas-suq komuni — Irtirar tad deċiżjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni"***

(2014/C 175/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*